Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 66**
**it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Maurice Agius :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea :  Viċi Sindku
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

66.1.01 Il-kunsilliera kollha kienu preżenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l' accountant se tingħaqad mas-seduta online.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

66.2.02 Is-segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tar- Rapport Finanzjarju Awditjat Jannar - Diċembru 2023 li ittieħed bħala moqri.

L-accountant is- Sna Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li l-awdituri pproponew li jsir aġġustament għal-ammont dovut minn

Il-kunsilliera preżenti għamlu bosta mistoqsijiet lis-Sna Perici Ferrante dwar il-kontenut tar-rapporti fejn wieġbet f'dettal dwar żieda sostanzjali fin-nefqa fosthom Repairs and Upkeep (€409,398) meta mqabbla mas- sena preċedenti (€39,530) b'mod speċjali l-manutenzjoni ta' bankini, patching, *operating materials and supplies u sundry repairs*. Hemm ukoll is-servizzi kuntrattwali li mis-sena preċedenti (€524,142) telgħu għal (€540,626) fejn il-ġbir ta' skart domestiku naqas minn (€245,369) għal (€98,161) minħabba li dan huwa relatat mal-borża sewda biss filwaqt li r- Regjun ħa ħsieb il-ħlas tal-borża organika. Għalhekk dan l-ammont iffrankat serva biex għamel tajjeb għal żidiet sostanzjali li kien hemm f' *Tipping fees* (€51,508) jew servizzi oħra bħal eżempju l- gbir ta'skart goff (€22,598), Knis (€64,899) u l-oħrajn kif muri fir- rapport.

Il-kunsilliera preżenti komplew id-diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju li ġie approvati unanimament.

**66.3 Tmiem tal-laqgħa.**

66.3.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5:40 ta' filgħaxija, filwaqt li data għas-seduta statutorja li jmiss se tkun kif deċiż fis-seduta 65 nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju.

Minuti konfermati, illum 28 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |